MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 794/2001/1

**Agricultural Co-Operative Limited**

**vs**

**Peter Axisa**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' April, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lill-koperattiva attrici dik is-somma li tigi likwidata li ma teccedix il-hamest elef Lira Maltin

(LM5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijieta ta' Malta) prevja d-dikjarazzjoni li dak li qal il-konvenut Peter Axisa kif rappurtat fl-artikolu intitolat "Farmers to meet tomorrow on potato controversy" ipubblikat fil-harga ta' "The Malta Independent" tat-8 ta' Settembru tas-sena 2001, fl-artikolu "The Potato Debate" ippubblikat fil-harga ta' "The Malta Independent" tal-10 ta' Settembru tas-sena 2001 u fl-artikolu "Ghadd ta' Bdiewa Mhassba" ippubblikat fil-harga ta' "L-Orizzont" tal-10 ta' Settembru tas-sena 2001 huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-koperattiva attrici billi attribwilha fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghha u jesponuwha ghad-disprezz tal-pubbliku, (Dok A);

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet datata t-12 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba tas-socjeta' attrici hija rritwali u nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi tirreferi ghal aktar minn stampat wiehed, u cioe' ghal serje ta' artikoli pubblikati f'aktar minn data wahda minn persuni diversi;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghall-istampat li dwaru tilmenta s-socjeta' attrici;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-istqarrija verbali tal-konvenut ma tikkwalifikax hi stess bhala 'stampat' jew 'xandira' a tenur tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk isegwi li l-artikolu 28 tal-istess Kap.248 mhux applikabbli ghall-istqarrija tal-konvenut;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-artikoli *de quo*, jew xi wiehed jew aktar minnhom, ma jaghtux rendikont fidil ta' dak li stqarr il-konvenut;

5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ma tistax tinvoka l-artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi hija ghandha biss personalita' legali u mhux personalita' fizika u ghalhekk ma tistax tkun malafamata skond il-ligi;

6. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fid-diskors tieghu l-konvenut jaghti l-fatti kif irrizultaw lilu u jaghmel kummenti li jitqiesu bhala `fair comment', dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f'socjeta' demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi din il-kawza hi naxxenti minn artikolu li deher f'pagna 3 tal-gazzetta "The Malta Independent" ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Settembru tas-sena 2001 intitolat "The Potato Debate" u redatt mill-gurnalista Cynthia Busuttil li ffirmat l-istess artikolu;

2. Illi jirrizulta li kull ma ghamlet din il-gurnalista kien li marret fuq il-post fejn kien hemm attivita’ tal-konvenut u rrapportat id-diskors ta’ l-istess konvenut;

3. Illi l-istess artikolu jirrizulta, kemm minn dak sostenut mill-istess gurnalista, kif ukoll minn dak li jsostni l-istess konvenut, li jirrifletti fedelment dak li intqal mill-istess konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta’ attrici hassitha malafamata u ngurjata bis-segwenti:

1. Illi s-socjeta’ attrici, li taghha l-konvenut ghamel zmien bhala President, kienet qed tostakola x-xoghol tieghu bi kwalunkwe mezz;

2. Illi s-socjeta’ attrici kellha s-sostenn tal-Prim Ministru u tal-Ministru ta’ l-Agrikoltura biex timponi “levy” ta’ zewg (2) centezmi fuq kull xkora patata;

3. Illi minhabba nuqqas ta’ interess da parti tas-socjeta’ attrici, il-konvenut irrizenja mill-kariga ta’ President li hu kien jokkupa fiha;

4. Illi s-socjeta’ attrici qatt ma awtorizzat lil xi persuna biex jesporta patata lejn l-Ingilterra f’isimha;

5. Illi l-artikolu jpingi sitwazzjoni li fil-fatt kienet inezistenti fejn kellha xi opportunita’ tad-deheb u tatha bis-sieq;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti l-konvenut isostni li kien ra l-artikolu de quo meta kien fuq ajruplan u ra li l-artikolu de quo kien jimmerita xi korrezzjonijiet;

Illi in effetti l-istess konvenut isostni li kien anke baghat press release fuq is-suggett;
Ikkunsidrat:

Illi nonostante li l-konvenut wahdu irrealizza li l-istqarrijiet li hu origina kienu jimmeritaw dikjarazzjoni korrettorja pero' din il-qorti hi sodisfatta li l-gurnalista involuta espletat l-inkarigu taghha b'diligenza u rrapportat fedelment l-indirizz tal-konvenut;

Illi ghalhekk hu l-konvenut li ghandu jassumi responsabbilita' ghal dak li ssemina;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti, b'risposta ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut taghmel referenza ghall-artikolu 28 (1) u ghall-artikolu 3 tal-Kap 248, u a skapitu ta' dilungar inutili tirriafferma l-istess u konsegwentement tichad din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi mill-bqija jirrizulta li effettivament id-diskors riprodott fl-artikolu in dizamina hu malafamanti u ingurjuz fil-konfront tas-socjeta' attrici stante:

1. Illi jipprova jghaddi lil din is-socjeta' bhala wahda inkompetenti;

2. Illi jipprova juri li din is-socjeta' m'hux veru li qed tahdem fl-interess ta' l-azzjonisti taghha;

Ghaldaqstant din il-qorti taqta' u tiddeciedi li hi sodisfatta li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha l-ohra sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara li l-allegazzjonijiet tal-konvenut kif riprodotti fl-artikolu in dizamina huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tas-socjeta' attrici fit-termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248;

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et

datata l-15 ta’ Novembru ta’ l-1994 referibbilment ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni f’kazijiet hawn kontemplati in kontropposizzjoni ma’ dawk ikkontemplati fil-Kodici Civili;

3. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tissottolinea s-segwenti:

a. Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut m’humiex minnhom;

b. Illi l-invettiva tal-konvenut tirrizulta li hi naxxenti mill-fatt li l-istess konvenut ipprova jaghti direzzjoni lill-istess socjeta’ li s-socji taghha rrifjutaw stante li hassewhom li kienu ser jigu manipulati fl-interess esklussiv tal-konvenut;

c. Illi ghalkemm ma rnexxilux, il-konvenut jidher li pprova jirrimedja ghall-inkongruenzi naxxenti mill-intervent tieghu fuq indikat;

4. Tikkundanna lill-konvenut Peter Axisa biex ihallas lis-socjeta’ Agricultural Co-operative Limited l-ammont ta’ sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0), bl-ispejjez.”

Il-konvenut jikkritika din is-sentenza b’dawn l-aggravji:-

1. Fl-ewwel lok, in-nullita` tal-istess sentenza billi din naqset ghal kollox li tikkonsidra u tordna l-ewwel hames eccezzjonijiet tieghu, u dan bi pregudizzju kbir ghalih.
2. Huwa jikkontendi wkoll illi l-ewwel Qorti mhux biss kellha tepurahom izda sahansitra takkoljihom fuq il-bazi tad-deduzzjonijiet dettaljati minnu esposti fil-korp ta’ l-appell. F’dan l-istess kuntest l-appellanti jikkomprendi wkoll is-sitt eccezzjoni tieghu tal-“fair comment”.
3. F’kull kaz isostni wkoll illi l-kumpens impost fuqu ghandu jitqies eccessiv u ghal kollox sproporzjonat.

Ghal dawn l-aggravji s-socjeta` attrici appellata wiegbet kif gej:-

(a) Fil-parti operativa tas-sentenza hemm espressa referenza kemm ghat-talbiet kif ukoll ghall-eccezzjonijiet u ghalhekk ir-rekwizit tal-ligi gie sodisfatt b'mod li s-sentenza ma tistax allura titqies nulla.
(b) Hi ghaddiet imbaghad biex twiegeb u tirribatti punt punt il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-appellant in meritu ghall-eccezzjonijiet tieghu.
(c) Il-likwidazzjoni tal-kumpens iffissat ma jistax jitqies li hi wahda eccessiva tenut rigward tal-latitudini prevvista mil-ligi.

Huwa naturali u logiku hafna illi l-gravam tan-nullita` tas-sentenza jassumi importanza fuq kull aggravju iehor b'tali mod illi jekk jirrizulta fondat din il-Qorti ma jkollhiex ghalfejn imbaghad, tinoltra ruhha biex tinvesti l-aggravji l-ohra.

Opportunement tajjeb li qabel xejn jigi ribadit dak li nghad mill-Imhallef Sir Antonio Micallef fis-sentenza tat-3 ta' Jannar 1873 fil-kawza "**Conte Pietro Paolo Theuma Castellati et –vs- Lo Studente Salvatore Chetcuti et**" (**Vol VI pagna 345**), "per la dichiarazione di nullita` e` necessario che si tratti di una legge chiara, indubitabile e manifesta, e non soggetta ad interpretazione, e che tale legge sia stata violata patentemente e manifestamente contro il suo tenore, in modo che tale errore possa essere osservato dalla semplice lettura del testo della legge – e non gia per via di raziocini ed argomenti o per interpretazione; oltrecche richiedesi per tale nullita` che un errore intollerabile sia espresso patentemente e manifesamente".

In-nullita` ta' l-atti gudizzjarji – u f'dawn hemm kontemplati wkoll id-digrieti u s-sentenzi tat-tribunali (**Kollez. Vol. XXVII pI p465**) – hi tassattivament regolata bl-Artikoli 789 u 790 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Fil-kuntest tal-aggravju interpost tan-nullita` tas-sentenza l-appellant jirreferi ghall-Artikolu 23 tal-Kap 12, in partikolari dik il-parti tieghu, sottolinejata mill-istess appellant, li tghid li "l-parti operattiva tas-sentenza ghandha tinkludi talbiet jew l-eccezzjonijiet li jkunu gew

decizi u kull dikjarazzjoni mahsuba li tkun konklussiva jew vinkolanti”.

Hi l-fehma tal-Qorti illi dan id-dispost tal-ligi jrid jinqara unitament ma’ l-Artikolu 218 tal-istess Kodici li jipprovdi li “fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet ta’ l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut.”

Issa huwa principju maghruf illi l-volonta` tal-gudikant tista’ tittiehed anki mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispositiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din definit u spjegat (**Kollez. Vol. XLII pI p187**). Dan ghaliex kif drabi ohra ritenut “jista’ jkun hemm konstatazzjoni jew dikjarazzjoni f’sentenza li ma tkunx qeghda fil-parti dizpozitiva, izda tkun f’parti ohra tas-sentenza, izda mill-konstatazzjoni taghha u min-natura taghha, u mill-mod kif il-Qorti tkun esprimiet ruhha fuqha, jkun jidher illi din hija vera dikjarazzjoni li ghamlet il-Qorti” (**Kollez Vol XXXIII pI p230**).

Kif inhu bil-wisq risaput, “fil-maggor parti tal-kazijiet il-parti konkluzjonali tas-sentenza tirrijagruppa kull ma jkun gie deciz, anke kultant b’xi referenzi ghal jew ripetizzjonijiet kwazi superfluwi “ex abundantia cautela” tal-konstatazzjonijiet, decizjonijiet jew effettivi ga nseriti fil-premessi jew motivazzjonijiet” (**Kollez. Vol. XLIX pI p441**). L-importanti hu li, kif issokta jinghad f’din is-sentenza, “l-konkluzjoni finali ma tkunx kontradittorja mad-dikjarazzjonijiet li jkun hemm fil-parti razzjonali u li dawn ikunu almenu intelligibbli anke jekk mhux dettaljati.”

Dak li maggorment jitqies vitali hu li s-sentenza tkun verament investiet il-meritu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzjonijiet ghalihom. Mhux bizzejjed allura li tintuza fil-parti dispositiva l-espressjoni generika tac-cahda tat-talbiet jew tal-eccezzjonijiet ghax din certament ma tissodisfax fl-aspett kollu tieghu il-vot tal-ligi fl-Artikolu 218.

Titwila anke superficjali tas-sentenza attakkata turi bla ebda dubbju ta’ xejn illi l-ewwel Qorti, filwaqt li fil-parti deciziva tas-sentenza uzat is-solita espressjoni generika u irrespingiet l-eccezzjonijiet kollha, salv fil-kaz tal-ewwel eccezzjoni, ma rragunat fl-ebda parti tal-premessi u tal-motivazzjonijiet fuq l-eccezzjonijiet l-ohra dedotti mill-konvenut appellant, anke hekk dawn, jew uhud minnhom, certament, ma setghux jitqiesu li kienu frivoli jew ta’ bla importanza.

Jista’ jinghad allura li l-vot tal-ligi kif mahsub fl-Artikolu 218 tal-Kap 12 ma giex validament adempit.  Dan anke ghaliex, kif gja espost, ma jistax jinghad li f’dan il-kaz il-motivazzjoni tikkomprendi anke implicitament ic-cahda tal-eccezzjonijiet kollha meta dawn lanqas biss gew ikkonsidrati.

Maghdud ma’ din l-osservazzjoni hemm aspett iehor li jrid jigi kummentat.  Ma jistax ikun dubitat illi, kif manifest mill-kontenut tas-sentenzi fuq accennati, l-motivazzjoni hi ta’ essenza tal-gudizzju u ma jistghax jinghad allura illi jkun qed jidher li ssir gustizzja mal-partijiet jekk dawn ma jinghatawx is-sodisfazzjon minimu tar-raguni li tkun wasslet lill-gudikant ghad-decizjoni tieghu.  Dan ighodd ghat-tribunali kollha, gudizzjarji, kwazi gudizzjarji jew amministrattivi.  Ara a propozitu s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-4 ta’ Marzu 1992 fil-kawza fl-ismijiet “**Dr. Alfred Sant –vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni**”.

Il-process kellu jiggarantixxi mhux biss smiegh xieraq lill-partijiet izda wkoll li dawn ikunu jafu r-raguni ghaliex it-talbiet u/jew l-eccezzjonijiet ikunu qed jigu milqugha jew michuda.  Dan hu bil-wisq fondamentali fid-determinazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi civili tal-individwi u allura tal-harsien kostituzzjonali u konvenzjonali taghhom.  Proprju “d-difett li jippregudika l-jedd ta’ smiegh xieraq” precizat fl-Artikolu 790 tal-Kap 12 huwa intiz mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista’ tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat.  Ghal dan ukoll hu imprexxindibilment mehtieg illi s-sentenza tissodisfa l-element ta’ motivazzjoni bazika li l-appellant kellu dritt ghaliha fid-decizjoni.  Decizjoni li

kellha tikkontjeni b’necessita` ritwali konstatazzjonijiet u dikjarazzjonijiet dwar “i punti formali e principali dell’azione e dell’eccezione” (**Vol V pagna 526**). Kuntrarjament ghal dak sostenut mis-socjeta` appellata fir-risposta taghha ghall-aggravju hawn ezaminat, id-decide wahidha tad-decizjoni appellata, kif redatta, ma kienetx tissodisfa l-minimu ta’ motivazzjoni li l-ligi tehtieg.

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel aggravju jisthoqqlu li jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-konvenut appellant fis-sens li tiddikjara nulla u minghajr effett is-sentenza appellata u tordna li l-atti tal-kawza jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex l-istanza titkompla mill-istadju li kienet fih qabel ma giet pronunzjata s-sentenza.

Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz l-ispejjez gudizzjarji kollha tieghu jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------